MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**MAGRI ALBERT J.**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 350/1990/1

**John, Francis, Charles u Tereza sive Tessie Vella**

**vs**

**Sherlock Camilleri**

**Il-Qorti;**

**Preliminari;**

IC-CITAZZJONI TAL-ATTURI

1 B'citazzjoni taghhom, l-atturi ppremettew li huma ko-propjetarji/possessuri tal-art maghrufa bhala tan-Najmes fil-limiti tax-Xghajra, u li l-konvenut jipposjedu l-art adjacenti ghal dak tal-atturi; illi l-konvenut immolesta l-

atturi fil-pussess tal-art meritu tal-kawza billi dahal u usurpa parti mill-art tal-atturi u talbu li l-Qorti;

(I) tiddikjara li l-konvenut dahal abusivament u illegalment fil-propjeta` tal-atturi;

(II) tikkundanna l-konvenut biex ma jimmolestax l-atturi fit-tgawdija tal-art posseduta minhom;

(III) tikkundanna l-konvenut sabiex inehhi kull kostruzzjoni li huwa ghamel fuq l-art meritu tal-kawza w iqieghed fl-istat li fih kienet l-istess art qabel ma hu usurpaha;

(IV) fin-nuqqas tawtorizza l-atturi sabiex jaghmlu huma stess ix-xoghol necessarju biex jerga jitqeghdu fil-pussess l-art imsemmija meritu tal-kawza a spejjez tal-konvenut;

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2 Il-konvenut eccepixxa n-nullita` tac-citazzjoni ghax maghmula f'isem fittizju cioe` Charles Vella; illi mhux minnu li l-eccipjent dahal abbuzivament u llegalment fil-propjeta` tal-atturi; permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri hu eccepixxa li l-atturi kellhom qabel xejn jipprovaw posittivament u minghajr dubbju l-entita` tal-propjeta` tieghu in kwistjoni.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3 Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, permezz tas-sentenza taghha tal-5 ta' Ottubru 1999 akkoljiet t-talbiet kollha tal-atturi u nnominat lill-AIC Frederick Doublet biex jissorvelja x-xoghol necessarju;

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

4 Il-konvenut hassu aggravat mis-sentenza imsemmija u permezz ta' dan l-att appella minnha fuq l-aggravju segwenti;

Illi s-sentenza appellata f'pagna sitta tghid hekk;

*"Minkejja li ma qalux specifikament* (il-perit legali addizjonali) *jindika li l-atturi ma rnexxielhomx igibu din il-prova* (li trid issir biex tirnexxi l-azzjoni rivendikatorja) *pero` irnexxielhom igibu provi sufficjenti biex tirnexxi l-actio publicana."*

Iktar 'il quddiem (pagna 7) il-Qorti kompliet tghid;

*"Effettivament pero` hu anke probabbli li anke l-perit addizzjonali hassew illi kien hemm dan in-nuqqas … …"*

Dan jikkonferma dak li sostna l-esponent fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu (u ghalhekk jirreferi ghaliha a skans ta' ripetizzjonijiet). L-atturi ma ppruvawx posittivament it-titolu ta' propjeta` taghhom u kwindi ma ssodisfawx l-iktar kondizzjoni importanti tal-azzjoni rivendikatorja. Mhux accettabli li meta t-termini tac-citazzjoni jindikaw kjarament li l-atturi qed jippromwovu din l-azzjoni, tali azzjoni tigi trasformata f'ohra. Ma gewx infatti citati sentenzi li jsostni din it-tezi. Ghall-kuntrarju l-esponent ikkwota bizzejjed sentenzi li jsostni t-tezi tieghu fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, l-iktar wahda cara u esplicita, dik moghtija fis-17 ta' Novembru 1958, minn din il-Qorti fl-ismijiet Giuseppe Buhagiar vs Giuseppi Borg et u riportata f'pagna 569 tal-Volum tas-sentenzi ta' dik is-sena. Fost affarijiet ohra din is-sentenza tghid;

"*Anke l-icken dubbju ghandu jmur favur il-pussessur konvenut…"*

L-esponent lanqas jaqbel li l-azzjoni odjerna tixbah iktar azzjoni ta' spoll ghaliex ma hemm ebda riferenza ghar-rintegrazzjoni fil-pussess, ghalkemm id-dicitura tac-citazzjoni hija kemmxejn kontradittorja f'dan is-sens u tikkontjeni certament talba zejda u cioe` dik li l-konvenut ma jimmolestax lill-atturi fit-tgawdija tal-art posseduta minnhom.

Is-sentenza hija wkoll lakunuza (**sic**), ghaliex minhabba appuntu, din l-incertezza ta' kejl, ma tindikax b'kemm

saret l-allegata invazjoni u b'kemm ghandha tigi rimossa il-kostruzzjoni li saret.

In succint una volta jezisti dubju fit-titolu ta' propjeta` tal-atturi tal-art, in kwistjoni l-esponent umilment jissottometti li t-talba rivendikatorja kellha tigi respinta.

Ghaldaqstant, il-konvenut talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija fil-5 ta' Ottubru 1999, billi tichad it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**<u>Ir-Risposta ta' l-appellati, John, Francis, Charles u Tereza sive Tessie ahwa Vella.</u>**

5 L-appellati atturi wiegbu hekk:-

(a) Illi l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud bl-ispejjez.

(b) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-provi gew ezaminati fid-dettall, anke permezz ta' perizja perizjuri li taw ragun lill-atturi, biex b'hekk it-talba tal-konvenut ma gietx milqugha.

(b) Illi apparti mis-suespost, issa l-appell m'hu xejn hlief appell spekulattiv biex il-konvenut jirbah iz-zmien a spejjez tal-atturi li qed jigu pregudikati bla bzonn.

(c) Ghaldaqstant, l-appellati jissottomettu li lil dina l-Qorti, joghgobha tirrigetta l-appell maghmul mill-appellant u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru, 1999.

Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Trattandosi ta' l-azzjoni reivendikatorja, jillanja l-konvenut appellant mill-fatt li "l-atturi ma ppruvawx pozittivament it-titolu ta' proprjeta` taghhomu kwindi ma ssodisfawx l-iktar kondizzjoni importanti ta' l-azzjoni

reivendikatorja". Il-konvenut inoltre jsostni li meta t-termini tac-citazzjoni juri bic-car li hawn si tratta tassew ta' l-azzjoni reivendikatorja mhux lecitu li "tali azzjoni tigi trasformata f'ohra". L-appellant jaghmel riferenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet li huwa pprezenta quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad (ara fol. 158 tal-process), u li fiha iccita wkoll gurisprudenza nostrana f'dan is-sens u precizament dik fl-ismijiet "Giuseppe Buhagiar vs Giuseppi Borg et" fejn gie ritenut li l-icken dubju ghandu jmur favur il-pussessur konvenut. Certament ukoll hawn non si trattava ta' azzjoni ta' spoll.

7. Illi, wara li semghet it-trattazzjoni ta' dan l-appell u rat l-att processwali, din il-Qorti tibda billi tosserva li ghalkemm huwa minnu li fl-azzjoni reivendikatorja l-prova dwar it-titlu ta' proprjeta` ghandha tkun wahda netta u inekwivoka u fin-nuqqas id-dubju jirrizolvi ruhu favur il-parti konvenuta, l-appellant ftit li xejn pero` elabora dwar xi tkun il-posizzjoni ta' l-atturi appellati mill-ottika ta' l-azzjoni hekk imsejha "publiciana" (u mhux kif, x'aktarx bi zvista, tissemma' zbaljatament fis-sentenza appellata bhala "actio publicana"). Lanqas hu korrett l-appellant meta asserixxa fir-rikors t'appell li "ma gewx infatti citati sentenzi li jsostnu din it-tezi", dik igifieri li tista' tissussisti, minflok l-azzjoni reivendikatorja, l-"azzjoni publiciana". Ghall-kuntrarju, ghandu invece jirrizulta li l-ewwel Qorti addottat ir-rizultanzi peritali kemm kif espressi fl-ewwel relazzjoni u kif aktar elaborati u kkonfermati mill-periti addizzjonali, ghal-liema hemm riferenzi ripetuti fl-istess sentenza. F'dan is-sens, din il-Qorti sejra ticcita l-parti li jidhrilha li hija l-aktar wahda saljenti u pertinenti mir-relazzjoni addizzjonali u cjoe` (ara para 12 tar-relazzjoni a fol. 152 tal-process) u li fuqhom giet deciza l-vertenza:
"Ammess dan il-principju, il-Qrati taghna, konsapevoli bid-diffikulta` li ssir tali prova, u fl-interess tal-gustizzja, accettaw il-possibilta` li attur jirnexxi fil-kawza li jaghmel in forza tal-<u>actio</u> <u>publiciana</u>. Hekk, fil-kawza <u>Attard nomine vs Fenech</u> deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 1875 (Vol VII p.390) osservat
"che l'azione intentata dell'attore nel suo libello quale procuratore dell'assente Angelo Zarb e` duplice, la reivedicatoria e la publiciana, giusta i principii della legge

Romana; colla prima l'attore deve provare di aver il dominio della cosa, che vuole rivendicare e di averla legittimamente acquistata; colla seconda di averne avuto il possesso; e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu` debole del suo. Che e` ricevuto nel foro che le dette due azioni si possono cumulare ed esercitare alternativamente, nonostante che anche tendono allo stesso oggetto" (sottolinear tal-Qortoi) (ara wkoll "Fenech – vs – Debono", Prim Awla, 14 ta' Mejju, 1935, Vol XXIX – (1-488).
Dan il-principju kien jezisti fid-Dritt Ruman, u mhux talli mhux inkompatibbli mal-Kodici Civili odjern, izda gie accettat mill-Qrati taghna bhala principju validu li ghadu jezisti fil-ligi Maltija, kif fuq intwera. Skond dan il-principju, mhux mehtieg li l-attur jipprova titolu originali fuq il-proprjeta` izda hu bizzejjed li jipprova dritt fuq l-art anterjuri (ghal) dak tal-konvenut. Ir-rizultat, ovvjament ma jkunx bhal vindicatorja li kwazi kwazi tiddeciedi t-titolu tal-attur erga omnes, imma r-rizultat ikun fil-konfront tal-konvenut, it-titolu tal-attur huwa ahjar minn dak tal-konvenut, u dan ta' l-ahhar m'ghandux jithalla fit-tgawdija tal-art a skapitu ta' min ghandu dritt aktar minnu".

Kien manifestament fuq din il-bazi li l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni favur l-akkoljiment tat-talbiet ta' l-atturi appellati.

8. Jifdal li jigu rizolti d-dubji sollevati mill-konvenut appellant dwar kemm azzjoni tista' tigi validament 'konfuza' f'ohra u kemm l-azzjoni publiciana giet accettata mill-Qrati taghna. Decizjoni li dahhlet b'mod approfondit f'din il-materja hija dik fl-ismijiet "Aloisia Fenech – vs – Francesco Debono et", citata proprju mir-relaturi u li fiha gie osservat li:
".... fid-Dritt Ruman, minbarra l-actio reivendicatoria kien hemm anki, introdotta mill-pretur fuq kriterji ta' ekwita`, l-actio Publiciana. Mentri fl-ewwel wahda, hemm bzonn il-prova tad-dominju, fit-tieni wahda hi bizzejjed prova ta' pussess ahjar minn tal-konvenut. Fil-gurisprudenza Taljana gie spjegat "che il principio che il rivendicante deve provare rigorosamente il suo dominio era temperato in diritto romano dai principii dell'azione publicana, per cui

nella rivendicazione prevaleva quello dei contraenti che ‘potiore jura ostendit’, u inoltre intqal ‘che nel urgente diritto Italiano non e` piu` ammessa l-azione publiciana del diritto Romano. Il-gurisprudenza Maltija pero` ma jidherx li segwiet il-gurisprudenza Taljana fuq daqshekk, malgrado l-kwazi – identita` tad-disposizzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-ligi Taljana u l-artikolu 439 tal-ligi taghna, probabilment ghaliex id-dritt Ruman baqa’ dejjem wahda mill-aqwa fonti tad-dritt taghna. Di fatti fil-kawza “Attard vs Fenech” fuq citata (koll. Vol VII, 394) intqal ‘che e` ricevuto nel foro che le dette due azioni si possono cumulare e le disposizioni dell’ ordinanza VII del 1868 non hanno abolito o revocato le dette due azioni”.

Dak li gie ritenut supra huwa pjenament kondiviz minn din il-Qorti u ghalhekk isegwi li din il-parti ta’ l-aggravju tal-konvenut m’hijiex fondata u qeghda tigi respinta.

9. Illi meta wiehed japplika dak li gie espost aktar qabel ghall-fatti tal-kaz, ghandu jasal ghall-konkluzjoni illi l-posizzjoni ta’ l-attur fuq il-pussess ta’ l-art de quo hija ferm attendibbli u soda minn dik tal-konvenut appellant. Il-Qorti ezaminat il-provi li gew prodotti u taqbel perfettament ma’ dak li gie espress mill-periti addizzjonali fir-relazzjoni taghhom, kondivizi wkoll mill-ewwel Qorti (ara para 13 tar-relazzjoni, fol. 152 et seq tal-process) u cjoe` li:
“F’dan il-kaz, it-titolu tal-konvenut unit mat-titolu ta’ l-awtur tieghu, imur lura sal-1981, forsi aktar lura, pero` ma jidhirx li, fuq il-parti tal-art in kwistjoni, kien qed jigi vantat pussess qabel ma akkwista l-konvenut fil-1989. L-atturi u l-awturi tieghu, min-naha l-ohra, kienu fil-pussess tal-art kollha minn zmien l-ahhar gwerra, u qatt hadd ma ppretenda dritt fuq din il-porzjoni ta’ art qabel il-konvenut”.

Minn dan allura jsegwi li l-atturi rnexxielhom u mhux ma rnexxilhomx, iressqu grad ta’ prova li kien jiggustifika l-akkoljiment tat-talbiet taghhom kif hemm fl-att tac-citazzjoni u ma hemmx mela dak id-dubju fit-titolu tal-atturi dwar l-art de quo kif baqa’ jippretendi u jissottometti l-konvenut appellant.

10. Fl-ahharnett, il-konvenut appellant jillanja wkoll mill-aspett tekniku. Hu jissottometti li s-sentenza appellata hija "lakunuza (sic) minhabba appuntu din l-incertezza ta' kejl ma tindikax b'kemm saret l-allegata invazjoni". Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-provi u ghal darb'ohra ghar-relazzjoni tal-periti addizzjonali fejn hemm, u dana bil-kontra ta' dak li jsostni l-appellant, dettalji precizi dwar l-invazjoni illecita kommessa mill-konvenut a detriment ta' l-atturi. Hekk, (ara para 9 ibid) insibu li gej:
"Fattur iehor importanti li hareg mill-provi huwa li l-hajt X-Y-M jirraprezenta l-linja medjana ta' fejn qabel kien hemm hajt tas-sejjieh; liema hajt tas-sejjieh jirrizulta minn varji provi li f'din il-parti kien dritt. Mill-provi tal-konvenut jirrizulta li meta gibed il-linja F-E, din giet fin-nofs tal-hxuna tal-kumplament tal-hajt tas-sejjieh. Fil-fatt hija l-opinjoni tal-esponenti periti teknici li ma jirrizultax hekk fil-pjanta Dok FV (fol. 112 tal-process). Hija l-parti tal-hajt kif indikata mill-perit Bartoli, u cjoe` X-Y, li tispara ghal go nofs il-hxuna tal-hajt tas-sejjieh, u dan kif indikat mill-perit Bartoli stess ..."

Dawn il-fatti huma sufficjentement cari. Il-Qorti ma tiddisturbax l-aspetti purament teknici li dwarhom ikunu rrelataw il-periti gudizzjarji jekk mhux f'kaz ta' xi irregolarita` jew skorrettezza manifesta. Minbarra s-suespost, l-ewwel Qorti wkoll ipprovdiet fis-sentenza stess li kull xoghol rimedjali li ghandu jsir mill-appellant ikun taht supervizjoni peritali u konsegwentement id-dubji espressi mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu m'humiex gustifikati.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Deputat Registratur
MG/DF